

# Kunsill Lokali tal-Imqabba

**<u>Rapport Annwali Amministrattiv</u>**

**2016**

## IL-WERREJ


**L-Introduzzjoni tas-Sindku** **1**

**Il-Kunsill** **2**

**Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** **3**

**L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq**

**Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank**

**Ir-Rapport tal-Awditur u l-*Financial Statements***

## 2.1 Is-seba' leġislatura tal-Kunsill

| **Inkarigu** | **Parteċipazzjoni f'laqgħat** |
|---|---|
| Dr Charlene Zammit (Sindku) | 100 % |
| Sinjorina Grace Marie Mallia (Viċi Sindku) | 90 % |
| Sur Michel Farrugia (Kunsillier) | 70 % |
| Sur Paul Spiteri (Kunsillier) | 100 % |
| Sinjura Anita Farrugia (Kunsillier) | 75 % |

**Impjegati**

| | |
|---|---|
| Sur Anthony Bonello (Segretarju Eżekuttiv) | 100% |

Sinjorina Valerie Galea (Uffiċjal Eżekuttiv)

Sinjorina Kylie Anthea Fenech (Skrivana)

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Matul din is-sena l-*cash office* tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba laqa' diversi pagamenti li kienu dovuti mhux biss lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba iżda wkoll lil entitajiet oħra fosthom il-LESA (Law Enforcement System Agency) ir-Reġjuni, id-Dipartiment tal-Artijiet, id-Dipartiment tal-Kummerċ ecc

***Custodial Money***

| Entita' | Sistema | Dettalji | Euros (€) |
|---|---|---|---|
| Kummissarju tal-Artijiet | LEMIS (GPD) | Qbiela u ċnus | 11,502.89 |
| Dipartiment tal-Kummerċ | LAS | liċenzji | 2,908.91 |
| Gwardjani Lokali | Guard and Warden House | Traffiku | 181.68* |
| Reġjun Nofs-in-Nhar | LES | Kontravenzjonijiet | 325.4 |
| Reġjun Xlokk | LES | Kontravenzjonijiet | 139.4 |
| Reġjun Tramuntana | LES | Kontravenzjonijiet | 0 |
| Reġjun Ċentru | LES | Kontravenzjonijiet | 1,224.5 |
| Reġjun Għawdex | LES | Kontravenzjonijiet | 0 |
| LESA | LES | Kontravenzjonijiet | 19,463.5 |
| **TOTAL** | | | **35,746.28** |

* Eskluz is-servizz tal-Gwardjani fil-festi mqabbda mill-KLM.

Għat-tieni senatqassmu l-*vouchers* tal-*Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek* mill-uffiċċju tagħna għal dawk il-persuni li huma intitulati għas-*Celiac Vouchers*. Dawn il-vouchers kienu jlaħħqu għal ammont ta' **€4,860.00**

Introjtu mill-Permessi li nhargu mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba

| | Dettalji tal-Permess | Numru | Ammont (€) |
|---|---|---|---|
| 1 | Attivitajiet | 14 | 120 |
| 2 | Depozitar ta' materjal fit-toroq | 0 | 0 |
| 3 | Depozitar ta' skips | 40 | 110 |
| 4 | Imwejjed u Siggijiet fit-toroq | 50 | 680 |
| 5 | Makkinarju fit-toroq | 235 | 1480 |
| 6 | Kabbani u Posti tal-Festi | 95 | 2855 |
| | **T O T A L** | | **5245** |

## Il-Ħidma tal-Kunsill

Is-sena l-oħra konna semmejna l-iskema tal-Proġetti Kapitali fir-rapport amministrattiv. Matul l-2016 daħlu €22,500




*up front*, fil-kont bankarju bħala fondi minn din l-iskema biex ikunu utilizzati mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Il-kumplament mit-total ta' €30,000 se jiġu mgħoddija lilna aktar tard. Dan il-fond se jkun qed jiġi investit biex it-tfal Imqabbin ikunu jistgħu imorru fi Ġnien Onġi Onġella u minbarra li jirrekrejaw irwieħhom, se jkunu qed jagħmlu sezzjonijiet ta' qari.

Din is-sena kienu organizzati ħmistax-il attivita' soċjali/laqgħa. Fost l-oħrajn, kienu organizzati, wirja ta' Talent Imqabbi nhar l-24 t'April u żewġ *buffet breakfasts* fit-2 ta' Frar u fis-16 ta'





Novembru, f'lukanda ewlenija. Dawn l-attivitajiet intlaqgħu mir-residenti u qed nippjanaw li dawn ser isibu posthom fil-kalendarju tas-snin li ġejjin. Fit-23 t'Ottubru kienet organizzata l-Festa Ravjul, li mhux biss ittellgħet fil-Pjazza tal-Imqabba għat-tieni darba, iżda fiha kull min ġie, assista wkoll għal xita ta' ravjul ħelu li kien mitfugħ mill-gallariji taż-żewġ każini tal-banda li għandna fil-pjazza. Din l-attivita' kienet organizzata f'Jum l-Imqabba 2016, dejjem bl-





involviment ta' organizzatur li ħa ħsieb il-logistika. Dan sar bil-kollaborazzjoni tal-każini tal-banda li iffurmaw *mass band* u daqqew flimkien f'din l-okkazjoni. Fl-istess attivitajiet ta' Jum l-Imqabba ittellgħet is-serata mużikali fis-Sala tal-Iskola. Din is-sena kien imiss li jdoqqu is-Socjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju u kienu onorati is-Sur Jerry Ghigo li kien mogħti l-Unur Ġieħ l-



Imqabba, l-ambaxxatur taż-żgħażagħ, is-Sur Nikolai Farrugia li ingħata l-Premju tal-Mertu u wkoll ingħata rikonoxximent is-Sur Omar Farrugia li rnexxielu jġib unur għal raħalna f'dik li hija moda. Bħalma jsir is-soltu, fi tmiem il-ġimgħa dedikata għal Jum l-Imqabba, inżammet quddiesa ta' ringrazzjament fil-Parroċċa tal-Imqabba. Fil-ġranet tal-Milied u l-ewwel tas-sena kienu organizzati *Rock Mass* f'Misraħ il-Fidwa, *Party* tal-Milied għat-Tfal u *Party* għall-għaqdiet. Għal dawn l-attivitajiet attendew bi ħġarhom diversi residenti Mqabbin.




Aktar minn €3,600 kienu vvutati biex jittella' id-dramm L-Imsallab fi Triqatna. Din kienet it-tieni edizzjoni tiegħu mill-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira t'Għawdex. L-istandard għoli ta' din id-drama tat-triq ma kienetx tagħmel għajb għal edizzjoni tal-2013, madankollu l-attendenza kienet waħda miżera minħabba it-temp xitwi li għamel fit-23 ta' Marzu, b'ħafna riħ u xita.

Kienu organizzati żewġ ħargiet għal Għawdex nhar is-17 ta' Mejju u nhar is-6 ta' Settembru. Hu evidenti li dawn l-



ħarġiet ukoll qed ikunu milqugħa ħafna mill-Imqabbin li jattendu għalihom. Mhux biss dawn l-attivitajiet kienu milqugha tajjeb, iżda anke ż-żewġ *Afternoon Teas* li kienu organizzati taħt is-Sala tal-Iskola Primarja, għax kellhom attendenza numeruża. Dawn kienu organizzati nhar it-22 ta' Mejju u nhar is-16 t'Ottubru. Hu normali wkoll li f'dawn l-attivitajiet ikunu akkumulati fondi għall-*Community Chest Fund* li jingħataw fl-Istrina fl-aħħar tas-sena. Din is-sena l-Kunsill ta *circa* €400 bħala donazzjoni lill-ET il-President ta' Malta.

Fl-1 ta' Marzu, l-Kunsill Lokali tal-Imqabba organizza l-laqgħa pubblika u li għaliha kellu attendenza sabiħa. F'din il-laqgħa li ssir darba f'sena, l-Kunsill ittratta' bl-akbar reqqa il-ħtiġijiet tar-residenti. Minbarra din il-laqgħa, il-Kunsill ħass li jibqa' jorganizza il-laqgħat mal-pubbliku fuq temi u element komuni. Fil-fatt, fit-28 t'April, il-Kunsill

Lokali tal-Imqabba ħass li kellu jiltaqa' mar-residenti ta' Triq Valletta. Din hija triq li f'postijiet minnhom hija dejqa ħafna u ddur nofs tond għal diversi metri u għaldaqstant wieħed jirrikonoxxi li ma jistax jitħalla parkeġġ fiha minħabba li jkun qed jostakola l-veduta tat-traffiku peress li hija *two way*.

Żewġ inizjattivi nazzjonali li konna mħeġġa nipparteċipaw fihom mid-Dipartiment Gvern Lokali kienu biex jitqajjem għarfien fil-*Fibromyalgia* u fil-kampanja *Pink October*. Nhar il-11 u t-12 ta' Mejju, l-Kunsill Lokali tal-Imqabba xegħel l-Isptar il-Qadim bid-dwal vjola u blu filwaqt li fil-lejl bejn l-aħħar ta' Settembru u l-bidu ta' Ottubru, inxtegħel il-bini tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba bil-kulur roża. Żgur li dawn l-inizjattivi juru r-ruħ soċjali tal-Kunsill li ma jinteressahx biss mit-toroq u mil-bankini, iżda wkoll l-aspett uman.



Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba kompla jaħdem sabiex jindirizza l-problemi tal-għargħar li ilu jsofri minnhom is-snin. Wieħed irid jirrikonoxxi illi problemi li ilhom magħna s-snin, ma jistgħux jissolvew *short term,* għaliex jeħtieġ li jitfassal pjan ħolistiku biex dawn ikunu indirizzati. Infatti l-Kunsill diġa' għandu f'idejh l-applikazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar, liema applikazzjoni kienet approvata sabiex fi Triq Ġanni Darmanin ikun kostruwit it-tieni ġibjun skont il-pjan lokali, u beda wkoll id-diskussjonijiet mal-entitajiet kkonċernati sabiex iġib l-għajnuna finanzjarja biex ikun jista' jattwa proġetti kbar, bħal dak tat-tisqif tal-ġibjun eżistenti u l-bini ta' Dar għall-Anzjani.



F'Diċembru kienu inawgurati numru sabiħ ta' kotba ġodda u għal dan il-proġett edukattiv ibbenefikajna minn skema nazzjonali fejn kienu ffinanzjati mill-Gvern Centrali nofs l-ispiza li tlaħħaq l-€1,200. Il-Kunsill ra l-importanza ta' l-inizjattiva fost ir-residenti sabiex ikunu kumbattuti l-illitterizmu billi jinvesti fir-rizorsi.

Kien ukoll organizzat kors fl-Isptar il-Qadim fil-Monasteru. In-numru sabiħ ta' parteċipanti kien qed ikollhom sezzjonijiet ta' tliet sigħat fil-ġimgħa. F'dawn il-korsijiet il-Kunsill qiegħed ikompli jħajjar sabiex diversi persuni jkollhom l-opportunita' jitgħallmu jaħdmu affarijiet tal-idejn.

Fil-qasam ambjentali komplejna nagħtu kontribut billi twaħħlu diversi *litter bins* fil-Pjazza tal-Knisja. Dawn twaħħlu propju biex innaqsu l-ħmieġ mir-raħal tagħna.






Matul is-sena saret il-manutenzjoni ta' ħafna mit-toroq mill-kuntrattur tagħna filwaqt li bqajna nużaw is-servizzi tal-ħaddiema tal-*Industrial Projects Services Ltd* biex niffrankaw spejjeż li ma jkunx hemm għalfejn isiru. Fosthom il-ħdim tad-<u>dekorazzjonijiet tal-Milied,</u> tpoġġija ta' marki tat-traffiku u anke twaħħil ta' sinjali tat-traffiku. Dawn il-ħaddiema jagħtu daqqa t'id ukoll f'attivitajiet okkażjonali biex per eżempju jittrasportaw il-palk li normalment jissellef mid-Dipartiment tal-Kultura għal xi attivita' kulturali li l-Kunsill jorganizza fl-apert.




Fl-aħħar xhur tas-sena 2016 il-Kunsill ħa żewġ inizjattivi oħra favur l-ambjent u għas-servizz tar-residenti. Dawn kienu jikkonsistu fl-introduzzjoni għall-ewwel darba fl-Imqabba ta' reċipjent illi jilqa' fih <u>ħwejjeġ użati</u> biex ikunu riċiklati kif ukoll f'reċipjent ieħor biex jilqa' fih <u>skart elettroniku</u>. Tal-ewwel jinsab biswit il-*front office* u tal-aħħar jinsab propju fl-intrata tal-Għassa tal-Pulizija. B'hekk se jirnexxielna nnaqqsu mill-iskart li jintefa' fil-*landfill* bil-għan mhux biss illi jonqsu l-ispejjeż biex tarmi fl-istess *landfill*, iżda wkoll biex ngħinu lill-Ambjent. Matul is-sena ħriġna s-sejħa ta' nteress bejn iż-żewġ kuntratturi li huma awtorizzati li jiddisponu mill-iskart riċiklat. L-għażla waqgħet fuq Greenpak Co-operative Ltd li jfornu lill-familji Mqabbin <u>b'borża ħadra</u> li fiha jinġabar l-iskart riċiklat għal kull ġimgħa tul is-sena kollha.








Ix-xogħol fuq il-manutenzjoni u l-infrastruttura ma waqafx, u f'dan ir-rapport qed ninfurmawk bil-ftit mill-inizjattivi li ħadna biex insewwu u nibnu bankini u nirranġaw l-uċuħ tat-toroq li ħafna minnhom jinqalgħu mal-ewwel ftit xita li tagħmel. Wieħed irid jifhem illi dan is-servizz irid ikun wieħed effiċjenti ħalli nnaqsu l-ammont ta' *claims* li jsiru lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba minn dawk li sfortunati li tiġrilhom ħsara fil-vettura u li sussegwentement ifittxuna għad-danni.

Wieħed ma jistax iħalli barra madankollu il-ħin amministrattiv dedikat lejn kuntratturi oħra. Hawn insemmu l-arbitraġġ li qiegħed jinstema' fil-konfront tagħna minn Schembri Barbros Ltd li qed ifittex lilna flok lill-Aġenzija tal-Pagamenti (Agriculture and Rural Paying Agency ARPA) fuq xogħlijiet li saru fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, cioe' fuq infrastruttura ta' telefonija li kellha tagħmel il-wisa' għal proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Dwar l-istess xogħlijiet Schembri Barbros qed ifittex lill-Kunsill fuq circa €8,000 filwaqt li l-istess ARPA qed titlob lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba circa €14,000, dwar l-istess proġett li mhux qed naċċettaw li nagħtuhomlhom.

Fl-isfera internazzjonali, konna wkoll il-host ta' rappreżentanza minn Affile (Italja) li kienet il-mistiedna tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju fil-festa. Din id-delegazzjoni qasmet mas-Sindku u l-kunsillieri xi rigali meta kienu mistiedna mill-Kunsill sabiex iżuru l-Isptar il-Qadim waqt ċerimonja sinifikattiva li minkejja ma kienetx xi ġemellaġġ, kienet xorta okkażjoni mportanti



Is-sitwazzjoni fiz-zoni rurali għad fadal biex tiġi waħda ħielsa mil-ħmieġ li qed jintefa illegalment mingħajr ma' l-awtoritajiet jirnexxilhom jaqbdu lil xi ħadd. Tant li għadna nsibu numru kbir ta' abbuż bi *fly tipping* f'postijiet remoti. Anke saħansitra viċin ta' infrastruttura li hija importanti, bħall-*boreholes* tal-Korporazzjoni għas-



Servizzi tal-ilma kif jixhed ir-ritratt anness, fis-sit magħruf, bħala tal-Froxx, l/o Mqabba.

Laqgħa mportanti oħra kienet mal-Kummissarju tas-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Burokrazija. F'din il-laqgħa qsamna idejat importanti biex naħdmu b'inqas diffikulta' f'dik li hija amministrazzjoni. Insostnu li laqgħat bħal dawn huma mportanti li jibqgħu isiru fuq bażi regolari.

Laqgħat oħra mportanti li saru kienu mas-Sindki tal-lokalitajiet tal-viċin. Dawn il-laqgħat saru fuq stedina tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. F'dawn il-laqgħat kienu diskussi żewġ temi prinċipali. Waħda minnhom wasslet biex sussewgwentement issir laqgħa oħra mad-Direttur Kura Primarja dwar il-Polyclinic li se tkun qed tinbena f'Ħal Kirkop u li permezz tagħha se jkunu moqdija wkoll l-Imqabbin. Filwaqt li it-tema l-oħra kienet it-traffiku li qed ixekkel mhux biss lix-xufiera iżda wkoll l-andament ekonomiku tal-inħawi tagħna. Dwar dan tal-aħħar il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ħa l-intrigu li jibgħat ittra lill-Prim Ministru ta' Malta u li kienet tittratta it-toroq alternattivi li jinħtieġ illi jiġu irranġati u wkoll imwessgħa bħala alternattiva għall-mina ta' Ħal Kirkop.



Ilmenti

It-total tal-ilmenti li kienu miftuħa din is-sena ilaħħqu 430.

Dawn kienu maqsuma kif ġej:

| **Xahar** | **Numru** |
|---|---|
| Jannar | 26 |
| Frar | 20 |
| Marzu | 31 |
| April | 29 |
| Mejju | 46 |
| Gunju | 35 |

| | |
|---|---|
| Lulju | 29 |
| Awwissu | 57 |
| Settembru | 43 |
| Ottubru | 56 |
| Novembru | 44 |
| Dicembru | 42 |
| TOTALI | 458 |

Skont l-iskeda annessa ta' tal-varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq hawn annessa, jidher illi kien hemm profitt għal din is-sena ta' €96,343. Madankollu wieħed irid iqis illi dawn il-figuri qed jitkellmu fuq *cash basis* u meta wieħed inaqqas id-depprezzament għas-sena 2016 li jlaħħaq għal €105,989, u l-*increase in provision of doubtful debt* ta' €3,501 dan jirriduċi ruħu f'telf ta' €11,062.

**Organizzazzjoni**

L-istruttura organizzattiva.



**4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati tad-Dħul u l-Infiq**

| | | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2016 ATTWALI €** | **2016 ESTMI €** | **2015 ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI/ ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 326,642.00 | 261,571.67 | 252,179.95 | 65,070.33 | 74,462.05 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 11,534.00 | 13,821.90 | 13,287.68 | (2,287.90) | (1,753.68) |
| 0090 | L-Investiment | 0.00 | 65.49 | 69.18 | (65.49) | (69.18) |
| 0100 | Ġenerali | 428.00 | 0.00 | 0.00 | 428.00 | 428.00 |
| | **TOTAL** | **338,604.00** | **275,459.06** | **265,536.81** | **63,144.94** | **73,067.19** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 83,964.00 | 80,407.50 | 75,727.97 | (3,556.50) | (8,236.03) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 156,212.00 | 145,101.51 | 137,848.91 | (11,110.49) | (18,363.09) |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 2,053.00 | 49,950.08 | 4,893.75 | 47,897.08 | 2,840.75 |
| | **TOTAL** | **242,229.00** | **275,459.09** | **218,470.63** | **33,230.09** | **(23,758.37)** |
| | **Bilanċ** | **96,375.00** | **(0.03)** | **47,066.18** | **29,914.85** | **49,308.82** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2016<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2016<br>ESTMI<br>€ | c<br>2015<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>VARJANZA<br>ATTWALI - ESTMI<br>€ | a-c<br>VARJANZA<br>ATTWALI<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 258,206.00 | 257,836.00 | 249,989.26 | 370.00 | 8,216.74 |
| 0002 | Supplimentari | 703.00 | 26.63 | 26.37 | 676.37 | 676.63 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | 0.00 | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | 2,533.08 | | (2,533.08) | |
| 0015 | Grants released for the year/Ħwejjeġ Oħra | 67,733.00 | 1,175.96 | 2,164.32 | 66,557.04 | 65,568.68 |
| | | **326,642.00** | **261,571.67** | **252,179.95** | **65,070.33** | **74,462.05** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 682.00 | 185.80 | 183.96 | 496.20 | 498.04 |
| 0023 | Attivitajiet Kulturali (kontribuzzjonijiet/donazzjonijiet) | | | 0.00 | | |
| 0034 | Gandotti (re-charge income account) | | | | | |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | | | 112.98 | | (112.98) |
| 0037 | Każijiet Sentenzjati | | | | | |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 10,852.00 | 13,636.10 | 12,990.74 | (2,784.10) | (2,138.74) |
| | | **11,534.00** | **13,821.90** | **13,287.68** | **(2,287.90)** | **(1,753.68)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | | 65.49 | 69.18 | (65.49) | (69.18) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **0.00** | **65.49** | **69.18** | **(65.49)** | **(69.18)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 205 | 0.00 | 0 | 205.00 | 205.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 223 | 0.00 | 0 | 223.00 | 223.00 |
| | | **428** | **0.00** | 0 | 428 | 428 |
| | **TOTAL** | **338,604.00** | **275,459.06** | **265,536.81** | **63,144.94** | **73,067.19** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

**4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall**

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2016 ATTWALI €** | **2016 ESTMI €** | **2015 ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI-ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 7,224.00 | 6,752.57 | 6,685.71 | (471.43) | (538.29) |
| | Allowance tad-Deputat/Sindku u l-Kunsillieri | 5,980.00 | 5,709.53 | 5,653.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 65,441.00 | 53,874.01 | 54,608.25 | (11,566.99) | (10,832.75) |
| 1300 | Bonus | | 7,474.00 | 1,887.29 | 7,474.00 | 1,887.29 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | 0.00 | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 5,319.00 | 4,861.00 | 5,174.52 | (458.00) | (144.48) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | | 0.00 | | |
| 1700 | Sahra | | 1,736.39 | 1,719.20 | 1,736.39 | 1,719.20 |
| 1800 | FSS Arrears | | | | | |
| | | **83,964.00** | **80,407.50** | **75,727.97** | **(3,286.03)** | **(7,909.03)** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 7,013.00 | 8,387.74 | 8,304.69 | 1,374.74 | 1,291.69 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 1,422.00 | 694.69 | 696.56 | (727.31) | (725.44) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 13,013.00 | 11,626.93 | (672.59) | (1,386.07) | (13,685.59) |
| 2400 | Kera | 1,746.00 | 729.14 | 721.92 | (1,016.86) | (1,024.08) |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 345.00 | 151.50 | 190.00 | (193.50) | (155.00) |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 3,179.00 | 3,447.95 | 3,413.81 | 268.95 | 234.81 |
| 2700 | Trasport | 2,251.00 | 1,229.55 | 1,508.41 | (1,021.45) | (742.59) |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 5,612.00 | 3,929.81 | 3,890.90 | (1,682.19) | (1,721.10) |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 99,901.00 | 94,940.00 | 96,398.64 | (4,961.00) | (3,502.36) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 2,666.00 | 7,184.34 | 7,963.21 | 4,518.34 | 5,297.21 |
| 3200 | Taħriġ | | 0.00 | 0.00 | | |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 13,208.00 | 11,003.64 | 13,674.73 | (2,204.36) | 466.73 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 1,241.00 | | | (1,241.00) | (1,241.00) |
| 3600 | Infurzar tal-Liġijiet | 4,615.00 | 1,776.22 | 1,758.63 | (2,838.78) | |
| | | **156,212.00** | **145,101.51** | **137,848.91** | **(11,110.49)** | **(15,506.72)** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | | | | |
| 7200 | Titjib | | 1,487.37 | 2,602.74 | 1,487.37 | 2,602.74 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,053.00 | 2,941.13 | 2,291.01 | 888.13 | 238.01 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | | 45,521.58 | 0.00 | 45,521.58 | |
| | | **2,053.00** | **49,950.08** | **4,893.75** | **47,897.08** | **2,840.75** |
| | **TOTAL** | **242,229.00** | **275,459.09** | **218,470.63** | **33,500.56** | **(20,575.00)** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 5.1 Kontijiet

**Bilanċi mqabbla mal-kotba:**

| | | |
|---|---|---|
| ***17905525013*** | **BOV Current Zurrieq (inactive)** | **€0.30** |
| ***17905525026*** | **BOV Savings LES Operating Account** | **€5044.36** |
| ***40010392218*** | **BOV Savings Zurrieq (inactive)** | **€794.44** |
| ***13601366017*** | **BOV LES Bank Payment Savings** | **€8023.63** |
| ***40010909313*** | **BOV Savings Mqabba** | **€95759.80** |
| ***40015022949*** | **BOV Current Mqabba Branch (inactive)** | **€0.92** |
| ***40019794451*** | **BOV Measure 313 (Savings ac)** | **€4953.30** to be ignored since it is directly linked to M313 |
| ***40020528315 and 40010909326*** | **BOV Current Accounts** | **€7633.46** |

## 5.2 Cash in Hand

| | | |
|---|---|---|
| **Nominal Code 5010** | **Petty Cash float** | **€100** |
| **Nominal Code 5013** | **Employees' Cash float** | **€150** |

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv